

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2011

**dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra**

(2011/90/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

azzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(2)</sup>.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

(5) Sabiex jiġi żgurat din l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Billi:

*Artikolu 1*

(1) Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Prinċipat ta' Andorra dwar protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll"). Il-Ftehim ġie konkluż fit-28 ta' Ġunju 1990.

L-iffirmar tal-Protokoll li jestendi għall-miżuri doganali ta' sigurtà l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż għal din id-Deċiżjoni.

(2) Il-Kummissjoni u l-Prinċipat ta' Andorra kkonkludew in-negozjati permezz tal-inizjaljar tal-Protokoll.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffiraw il-Protokoll fisem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat.

*Artikolu 3*

(4) Sa meta jiġu kompluti l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2011, li hija d-data tal-aħħar stadju tal-applikazzjoni tal-miżuri doganali ta' sigurtà introdotti fl-2005 u l-2006 rispettivament bl-emendar tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(1)</sup> u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-impliment-

Il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2011, jew minn data aktar tard maqbula bejn l-Unjoni u l-Prinċipat ta' Andorra, skont l-Artikolu 3(3) tiegħu.

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata biex taqbel, fisem l-Unjoni, dwar tali data aktar tard għall-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*Artikolu 4*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet relatati mat-Titolu IIa tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 12i(1) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Prinċipat ta' Andorra bl-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida tal-Unjoni li tikkostitwixxi żvilupp tal-liġi tal-Unjoni dwar miżuri doganali ta' sigurtà koperti bl-Artikolu 12b tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata li tiegħu l-miżuri meħtieġa previsti fl-Artikolu 12k tal-Ftehim sabiex tiżgura l-ekwivalenza tal-miżuri doganali ta' sigurtà tal-Unjoni u l-Prinċipat ta' Andorra.

Jekk, fid-data tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Prinċipat ta' Andorra

ma jkunx adotta d-dispożizzjonijiet il-ġodda u l-applikazzjoni provviżorja ta' dawk id-dispożizzjonijiet ma tkunx possibbli, l-applikazzjoni tat-Titolu IIa tal-Ftehim għandha tiġi sospiża f'konformità mal-Artikolu 12k(2) tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Prinċipat ta' Andorra b'tali sospensjoni.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MATOLCSY Gy.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 374, 31.12.1990, p. 14.